# Manwal ta' Użu għal Servizzi Onlajn -

# Ħlas Lura ta' Pagament Żejjed

# Mingħajr l-użu ta' e-ID

**Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali**

Dan il-manwal ġie mfassal mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex jgħinek timla applikazzjoni onlajn għal Ħlas Lura ta' Pagament Żejjed b'mod korrett u komplet.

Nota: Dan il-manwal ġie miktub għal skop ta' informazzjoni u m'għandux saħħa legali.

Skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (EU) 2016/679 (GDPR) u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 586.), aħna għandna d-dmir legali li nirrispettaw u nipproteġu kull informazzjoni personali li aħna niġbru minn għandek u aħna ser insegwu dan id-dmir. Aħna ser nieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex ma nħallux xi aċċess mhux awtorizzat. Aħna ma ngħaddux id-dettalji miġbura minnek bħala viżitatur u/jew utent, lil xi partijiet terzi sakemm ma tagħtiniex il-kunsens biex nagħmlu dan jew kif awtorizzat bil-liġi.

## Għal aktar Informazzjoni

Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali
38, Triq l-Ordinanza
Il-Belt Valletta VLT 1021

Freephone 153

social.security@gov.mt

www.socialsecurity.gov.mt

## Informazzjoni Ġenerali

Dan is-servizz huwa intiż għal sidien li huma lesti li jħallsu kwalunkwe ħlas żejjed lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS), billi jużaw dan il-mezz onlajn li hu offrut mill-istess Dipartiment, mingħajr l-użu ta' e-ID.  Is-servizz joffri żewġ għażliet, jew biex il-persuna tħallas f'isimha jew f'isem persuna oħra.

Biex dawn il-ħlasijiet jistgħu jsiru, il-persuna irid ikollha ittra mid-DSS li turi d-dettalji eżatti tal-persuna li fuqha jkun irreġistrat il-ħlas żejjed. Il-persuna li qegħdha tagħmel il-ħlas f'isimha stess trid iddaħħal tlett kriterji biex jiġi vverifikat li jkun hemm taqbila. Dawn id-dettalji jinkludu l-karta tal-identità tal-persuna, l-isem u l-kunjom sħiħ u l-ammont oriġinali tal-ħlas żejjed. Dawn id-dettalji kollha jridu jiġu mdaħħla eżattament kif jidhru fuq l-ittra. Mgħandux jinkiteb it-titlu quddiem l-Isem u l-Kunjom. Huma biss numri li jridu jiddaħħlu fl-ispazju tal-ammont. Buttuna bil-kliem "Ivverifika" tiġi murija ħalli d-dettalji jiġu vverifikati u jekk ikun hemm taqbila, din tiġi elenkata fuq l-iscreen biex il-persuna tkun tista' tipproċedi bil-ħlas. L-irċevuta li tiġi ppreżentata tindika d-dettalji tal-ħlas li jkun sar. Tintbagħat ukoll notifika b'email fl-indirizz elettroniku li jkun iddaħħal waqt il-proċess.

Ħlasijiet żejda jistgħu jiġu wkoll imħallsin f'isem ċittadin ieħor billi tiddaħħal l-informazzjoni relevanti fis-sezzjoni "Ħallas f'isem xi Ħaddieħor".  L-irċevuta li tiġi ppreżentata tindika li dan huwa ħlas f'isem persuna oħra. Tintbagħat ukoll notifika b'email fl-indirizz elettroniku li jkun iddaħħal waqt il-proċess.

Finalment, persuna tkun tista' tistampa kopja tal-irċevuta biex tkun tista' tiġi wżata fil-futur.

## Kif tuża Servizzi Onlajn – Ħlas Lura ta' Pagament Żejjed

1. Aċċess għas-servizz onlajn ta' Ħlas Lura ta' Pagament Żejjed mingħajr l-użu ta' e-ID, hu permezz tal-Portal Servizzi Onlajn - https://mysocialsecurity.gov.mt/. L-ewwel ħaġa, persuna trid tagħżel il-lingwa preferuta li hija **Malti** jew **Ingliż**. Imbagħad taħt l-intestatura **Servizzi Ħlas Lura ta' Pagament Żejjed** trid tiġi kklikkjata.
2. Malli s-servizz **Ħlas Lura ta Pagament Żejjed** jiġi kklikkjata, iwassal lill-utent biex jikklikkja fuq **Utent bla e-ID**.
3. Hawnhekk l-utent jiġi muri l-għażla jekk hux se jħallas f'ismu jew jekk hux se jagħmel ħlas f'isem persuna oħra. L-irċevuti relatati jistgħu jiġu miftuħa u kopja stampata tista' tinħareġ minn din l-irċevuta. L-irċevuti jistgħu jiġu pprintjati bħala PDF għal referenza fil-futur. Tintbagħat ukoll notifika b'email fl-indirizz elettroniku li jkun iddaħħal waqt il-proċess.

## Istruzzjonijiet Ġenerali

Biex tagħmel pagamenti għal **Ħlas Lura ta' Pagament Żejjed**, inti trid timla d-dettalji mitluba. Hemm tliet (3) tipi ta' oqsma li huma spjegati fis-segwenti tabella. Id-dettalji mitluba huma elenkati fit-tabella hawn taħt. Ġaladarba d-dettalji mitluba kollha jkunu ġew mimlija, jeħtieġ li tissottometti l-applikazzjoni billi tagħfas fuq il-buttuna **'Ħallas'** li tinsab fil-qiegħ tal-paġna. Ikklikkja fuq il-buttuna '**Ikkanċella**' ħalli tħassar kwalunkwe tibdil.

## Tipi ta' Oqsma

| Tip ta' Qasam | Kif jidher | Kif iddaħħal id-Data | Kif tħassar id-Data |
|---|---|---|---|
| Kaxxa ta' Kliem u Numri | | Ikklikkja fuq il-kaxxa u ikteb fiha. Aċċett Numri u Ittra fl-aħħar li trid tkun 'M', 'G', 'L' jew 'H' | Ikklikkja fuq il-buttuna x (Internet Explorer biss) sabiex tneħħi l-kontenut kollu jew uża l-buttuna Backspace jew Delete fuq it-tastiera kif ikun meħtieġ |
| Kaxxa ta' Kliem | | Ikklikkja fuq il-kaxxa u ikteb fiha, fejn huma aċċettati biss ittri tal-alfabet għal Isem u Kunjom | Ikklikkja fuq il-buttuna x (Internet Explorer biss) sabiex tneħħi l-kontenut kollu jew uża l-buttuna Backspace jew Delete fuq it-tastiera kif ikun meħtieġ |
| Kaxxa tan-Numri | | Ikklikkja fuq il-kaxxa u ikteb. Numri biss huma aċċettati jew punt jekk hemm iċ-ċenteżmi (Eż.: 1234.56), fejn il-persuna ser iddaħħal l-ammont oriġinali tal-ħlas żejjed | Ikklikkja fuq il-buttuna x (Internet Explorer biss) li tinsab fuq nett fuq il-lemin sabiex tneħħi l-kontenut kollu jew uża l-buttuna Backspace/Delete fuq it-tastiera kif ikun meħtieġ |

## Dettalji Mitluba – Jekk ' f'ismi ' tiġi kklikkjata

| Isem tal-Qasam | Tip tal-Qasam | Meħtieġ |
|---|---|---|
| Numru tal-Karta tal-Identità | Kaxxa tal-Kliem u Numri | In-numru tal-Karta tal-Identità tal-benefiċċjarju trid tiġi mdaħħla hawnhekk. |
| Isem u Kunjom | Kaxxa tal-Kliem | L-isem u l-kunjom sħiħ iridu jiġu mdaħħla skont l-ittra mibgħuta mid-DSS. Mgħandux jinkiteb it-titlu quddiem l-Isem u l-Kunjom. (Eż.: Sur, Sa) |
| Ammont Oriġinali (€) | Kaxxa tan-Numri | L-ammont oriġinali u sħiħ tal-ħlas żejjed irid jiġi mdaħħal skont l-ittra mibgħuta mid-DSS. Numri biss huma aċċettati jew punt jekk hemm iċ-ċenteżmi (Eż.: 1234.56). Dan jiġi vverifikat billi l-buttuna 'Ivverifika' tiġi magħfusa. |
| Ammont ta' Ħlas Żejjed (€) | Kaxxa tan-Numri | Il-ħlas tal-ammont oriġinali jiġi muri u dan l-ammont jew anqas jista' jitħallas. Il-ħlas ma jridx ikun anqas minn €10, sakemm l-ammont dovut mhux inqas minn hekk. Meta l-buttuna 'Ħallas' tiġi kklikkjata, l-utent jiġi muri l-portal fejn jista' jħallas ħalli d-dettalji neċessarji tal-ħlas jistgħu jiġu mdaħħla. Din il-kaxxa tan-numri tkun visibbli biss jekk id-dettalji kollha mdaħħla fl-ewwel tlett kaxxi huma korretti. |

## Dettalji Mitluba – Jekk 'F'isem ħaddieħor' tiġi kklikkjata

### Dettalji Bankarji

| Isem tal-Qasam | Tip tal-Qasam | Meħtieġ |
|---|---|---|
| Isem u Kunjom ta' min ser jagħmel il-pagament f'isem ħaddiehor | Kaxxa tal-Kliem u Numri | Dan huwa l-isem u kunjom ta' min ser jagħmel il-pagament f'isem ħaddieħor li wara ikun imniżżel ukoll fuq l-irċevuta u fl-email ta' notifika li tintbagħat. |
| Numru tal-Karta tal-Identità | Kaxxa tal-Kliem | In-numru tal-Karta tal-Identità tal-benefiċċjarju trid tiġi mdaħħla hawnhekk. |
| Isem u Kunjom | Kaxxa tal-Kliem | L-isem u l-kunjom sħiħ iridu jiġu mdaħħla skont l-ittra mibgħuta mid-DSS. Mgħandux jinkiteb it-titlu quddiem l-Isem u l-Kunjom (Eż.: Sur, Sa) |
| Ammont (€) | Kaxxa tan-Numri | L-ammont oriġinali u sħiħ tal-ħlas żejjed irid jiġi mdaħħal skont l-ittra mibgħuta mid-DSS. Numri biss huma aċċettati jew punt jekk hemm iċ-ċenteżmi (Eż.: 1234.56). Dan jiġi vverifikat billi l-buttuna 'Ivverifika' tiġi kklikkjata. |
| Ammont ta' Ħlas Żejjed (€) | Kaxxa tan-Numri | Il-ħlas tal-ammont oriġinali jiġi muri u dan l-ammont jew anqas jista' jitħallas. Il-ħlas ma jridx ikun anqas minn €10, sakemm l-ammont dovut mhux inqas minn hekk. Meta l-buttuna 'Ħallas' tiġi kklikkjata, l-utent jiġi muri l-portal fejn jista' jħallas ħalli d-dettalji neċessarji tal-ħlas jistgħu jiġu mdaħħla. Din il-kaxxa tan-numri tkun visibbli biss jekk id-dettalji kollha mdaħħla fl-ewwel tlett kaxxi huma korretti. |